# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Citaz. numru: 38/86 AJM**

**Mary Borg**

**vs**

**Robert Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Lulju 1997 li tghid hekk:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Jannar 1986 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet li hija kienet gharusa mal-konvenut u dana bla ebda raguni fil-ligi hassar l-istess gharusija minhabba l-agir tieghu; illi fil-kors ta' l-gharusija l-attrici silfet lill-konvenut is-somma ta' elfejn u ghaxar liri Maltin (Lm2010) u dana in konnessjoni mal-bini tad-dar fejn kellhom jmorru joqghodu; illi l-konvenut qed izomm indebitament f'idejh deheb u oggetti

ohra li jappartjenu lilha, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u qed jirrifjuta li jirritornahom lilha; illi b'rizultat tar-riziliment ingust l-attrici sofriet danni, kfi jirrizulta fil-kawza, kif ukoll hemm oggetti komuni li ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet; talbet li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn u ghaxar liri Maltin (Lm2010) lilu mislufa, kif fuq inghad;
2. tiddikjara li l-gharusija bejniethom thassret unikament htija ta' l-istess konvenut;
3. tiddikjara li l-istess konvenut hu responsabbli ghad-danni kollha sofferti lill-attrici b'rizultat ta' dan ir-riziliment u tillikwida l-istess danni;
4. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici d-danni kollha hekk likwidati;
5. tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici d-deheb u l-oggetti l-ohra kollha li jirrizultaw waqt il-kawza, li huma proprjeta' ta' l-istess attrici u li qed izomm f'idejh indebitament, u in difett li jaghmel dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jigi kundannat ihallas lill-attrici dik is-somma li jirrizulta li tirrapprezenta l-valur ta' l-istess oggetti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-Dicembru 1985, kontra l-konvenut. Ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w il-lista tax-xhieda ta' l-attrici.

Rat in-nota tal-konvenutipprezentata fil-21 ta' Marzu 1986 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu kien issellef flus minghand missier l-attrici fl-ammont ta' Lm2000 li fil-fatt thallsu u qatt ma ssellef flus minghand l-attrici;
2. Oltre dan l-gharusija thassret b'tort unikament ta' l-attrici u konsegwentement u fi kwalunkwe kaz mhux responsabbli ghall-ebda danni;
3. Illi huwa accetta li kellu gizirana tad-deheb ta' l-attrici li kienet talbitu jzommielha u dan offra li jaghtihilha u ghalhekk din id-domanda saret inutilment u vessatorjament.

Rat id-dikjarazzjoni w il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Gunju 1986 li permezz tieghu gie mahtur l-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi bhala Perit Legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali mahluf fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 1992.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru 1992 li permezz tieghu gie mahtur Albert Rizzo bhala Espert Tekniku bl-inkarigu li jaghmel stima ta' l-effetti elenkati fir-raba' paragrafu tal-konkluzzjonijiet tar-rapport peritali.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Mejju 1993 li permezz tieghu gie mahtur Frank Zampa biex jaghmel stima ta' l-affarijiet tad-deheb u tal-fidda u hagar prezzjuz li jinsabu fil-pussess tal-konvenut.  Din il-hatra giet revokata b'digriet taghha tal-15 ta' Marzu 1996.

Semghet lill-Perit Tekniku dwar l-impossibbilita' li jespleta l-inkarigu tieghu.

Semghet ukoll lill-konvenut fejn irrizulta li certa oggetti tad-deheb kienu jinstabu fil-pussess tieghu.  Hadet ukoll konjizzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-attrici maghmula fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 1996 meta l-istess attrici kkonfermat li d-deheb kien gie ritornat lilha.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Rat ukoll il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Frar 1997 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza hija konsegwenza ta' riziliment ta' gharusija bil-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu, senjatament minhabba r-relazzjoni, anke ta' natura finanzjarja, li jidhlu fihom l-gharajjes fl-aspettattiva taz-zwieg iminenti.  Infatti apparti li l-attrici qed titlob dikjarazzjoni li l-gherusija thassret tort tal-konvenut u konsegwentement qieghdha titlob id-danni, l-istess attrici qieghdha wkoll titlob rifuzjoni

ta' somma flus (Lm2010) li hi tghid li tat lill-konvenut matul l-gharusija sabiex tintuza ghal proprieta' li kienu ser jabitaw fiha. Inoltre l-attrici qieghdha titlob ukoll li jigu ritornati lilha certa effetti tad-deheb u effetti mobili, ta' proprieta' taghha, li kienu fil-pussess tal-konvenut.

Il-Perit Legali, wara li ghamel ezami dettaljat tal-provi prodotti, wasal ghal konkluzzjoni li l-ewwel talba, u cioe' dik dwar l-ammont ta' Lm2010, kif ukoll il-hames talba, koncernanti l-effetti tad-deheb u mobbili, ghandhom jigu milqugha, filwaqt li t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet ghandhom jigu michuda billi ma giex soddisfacentement pruvat li l-gharusija thassret tort tal-konvenut.

Illi dwar l-effetti tad-deheb u senjatament dawk li gew elenkati fir-raba' paragrafu tar-riassunt tar-rapport tal-Perit Legali (fol. 77) din it-talba llum hija ezawrita in kwantu fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 1996, l-istess attrici ddikjarat li dawn gew ritornati lilha. Dan l-agir tal-konvenut ghandu jigi kunsidrat bhala ammissjoni in parte, tal-hames talba attrici u konsegwentement ghandu jbati l-ispejjes taghha. Xejn ma jiggova lill-konvenut il-fatti, kif jallega fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu li hu dejjem kien dispost li jirritornahom lill-attrici u li kwindi t-talba kienet biss wahda inutili u vessatorja. Jekk il-konvenut kien propens li jaghmel hekk l-ewwel nett ma kien messu qatt dam 'il fuq minn ghaxar snin biex radd lura l-effetti proprieta' ta' l-attrici, u jirrizulta li matul il-proceduri, minkejja l-eccezzjoni tieghu, dejjem cahad li kellu dawn l-oggetti fil-pussess tieghu. Hawn wiehed jaghmel riferenza ghax-xhieda ta' l-Espert Tekniku Albert Rizzo. Inoltre biex jezimi ruhhu minn kull responsabbilita' l-konvenut kellu jiddepozita dawn l-oggetti taht l-Awtorita' tal-Qorti.

**<u>Dwar l-Lm2010 mislufa lill-konvenut</u>**

L-attrici xehdet b'mod dettaljat dwar il-modalita' tas-self maghmul minnha lill-konvenut u f'liema okkazzjonijiet dan kien sar. Hi nfatti tat dettalji ezatti ta' kull ammont u dawn il-versamenti hi kienet izzomm notament taghhom f'pitazz appozitu. Il-konvenut cahad kategorikament li hu qatt issellef xi flus minn ghand l-attrici u dejjem sostna li l-prezz ta' l-art li kien xtara minn ghand Cutajar kien ta' Lm1200 li thallas kollu fuq il-kuntratt. Ghalhekk, skond il-

konvenut, hu ma setax kellu bzonn aktar flus biex ihallas lil dan Cutajar u kwindi ma kellux ghalfejn jissellef minn ghand l-attrici.

Il-konvenut gie kontradett sew mill-attrici, minn familjari taghha, minn Nutar J.R. Darmanin, kif ukoll mill-istess Cutajar. Mix-xhieda ta' dawn irrizulta li fl-istess okkazzjoni li sar it-trasferiment ta' l-art minn Cutajar ghal Bonnici, saret ukoll skrittura bejn l-istess kontraenti, fejn gie dikjarat li l-konvenut odjern kien issellef minn ghand Cutajar is-somma ta' Lm1300 u li din kellha tithallas lura bil-mod hemm imsemmi (Dok "JSP"). Il-Perit Legali ghalhekk osserva korrettament li "*kien x'kien il-prezz ta' l-art, wara li saru l-iskrittura privata u l-kuntratt notarili fuq imsemmija kien ghad fadal li jithallas l-ammont ta' Lm1300. Jirrizulta wkoll li dan l-ammont thallas u meta kien isir il-hlas, l-attrici w il-konvenut kienu jmorru flimkien.*" Inoltre c-cirkostanzi l-ohra kollha ta' fatti jindikaw dak li xehdet l-attrici kien minnu u li l-konvenut ma jistax jigi emnut.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi prodotti taqbel pienament mal-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali u konsegwentement, konformement ma' dak suggerit fir-rapport, tikkonkludi li l-ewwel talba attrici ghandha tigi akkolta.

**<u>Riziliment ta' gherusija, danni, konsenja ta' oggetti donati</u>**

L-attrici qieghdha titlob li jigi dikjarat li l-konvenut hassar l-gherusija minghajr raguni valida.

Il-kontendenti kienu ilhom johorgu flimkien ghal xi sitt snin u nofs. Tgharrsu bic-curkett f'Ottubru 1984 u l-gherusija thassret f'Lulju 1985. L-allegazzjoni ta' l-attrici hi li l-gherusija thassret ghax kienet indunat li l-konvenut kien qed ibidillha u li ma kienx jittrattaha tajjeb.

Il-Perit Legali ghamel ezami dettaljat tal-provi mressqa miz-zewg partijiet u kkonkluda li "*Mill-kumpless ta' dawn il-provi l-esponenti ma jhossx li hemm prova fi grad rikjest mil-ligi li tindika li l-konvenut ta lok ghat-thassir ingust tal-gherusija. Indikazzjonijiet hemm, pero' fl-opinjoni ta' l-esponenti dawn ma jwasslux sal-grad ta' prova rikjesta mil-ligi*." L-istess Perit Legali kompla hekk:

"*L-esponent jasal biex ighid li mill-provi prodotti jidher li kien hemm "breakdown" ta' l-gherusija. Kien hemm hafna suspetti miz-zewg nahat, nuqqas ta' fiducja w argumenti ta' spiss li maghhom gabu anke xi nuqqas ta' rispett reciproku. L-gherusija taghhom ma kenitx qed tahdem u meta gara l-incident li l-attrici kellha timxiha mid-dar tal-konvenut sa darha bil-lejl, din kienet "the last straw". Veru li kien il-konvenut li kien jahti ghal dan l-incident, pero' milli jidher, din kienet ilha gejja u l-esponenti ma jhossx li ghandu jimputa tort lill-konvenut semplicement fuq dan l-incident.*"

Il-Qorti, evalwati l-provi prodotti, tikkondividi l-hsieb tal-Perit Legali u ghalhekk taghmel taghha l-konkluzzjonijiet raggunti fl-istess rapport. Konsegwentement ma tistax tilqa' t-tieni talba, u naturalment ma hemmx danni li ghandhom jigu likwidati jew mhallsa.

**<u>Effetti tad-deheb, mobbli w effetti ohra</u>**

Kif gia' intqal fuq, l-effetti tad-deheb gew ritornati mill-konvenut lill-attrici fil-mori tal-kawza. Il-Qorti ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba in kwantu din tikkoncerna d-deheb.

Dwar l-effetti l-ohrajn imsemmija fin-nota prezentata mill-attrici fit-12 ta' Jannar 1994 il-Perit Legali wasal ghal konkluzzjoni li dawn effetivament kienu jinsabu, xi zmien, f'idejn il-konvenut u li konsegwentement ghandu jigi kundannat jirritornahom. Dawn huma "*ghodda, kamera tar-ritratti, tromba, lampa tal-gas, table cooker, mejda u siggijiet, spiritiera zghira, platti u posati*."

Mix-xhieda moghtija mill-konvenut fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 1996, jirrizulta li l-konvenut kellu l-pussess ta' dawn l-effetti billi kienu jinstabu fid-dar tieghu (cioe' dik li kienet intenzjonata bhala residenza tal-kontendenti). Izda l-konvenut ighid li d-dar inbieghet u maghha marru dawk l-effetti kollha li kienu appartenenti lill-attrici.

Illi jsegwi li l-konvenut irid ihallas lill-attrici l-valur reali ta' l-oggetti gia' fil-pussess tieghu billi hu ma kellu ebda dritt li jiddisponi minnhom u wkoll billi bil-bejgh taghom ghamel gwadan a skapitu ta' l-attrici.

> Illi dawn l-oggetti llum ma jistghux jigu valutati stante li ma jinstabux fil-pussess tal-partijiet. L-attrici izda, fin-nota fuq imsemmija, indikat prezzijiet tad-diversi oggetti hemm imsemmija b'ammontar ta' Lm865.
>
> Il-Qorti hi tal-fehma li din is-somma hija ragonevoli ghall-oggetti hemm elenkati u ghalhekk tillikwida s-somma li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici minflok l-oggetti ta' proprieta' taghha, fis-somma ta' tmien mija hamsa u sittin lira Maltin (Lm865).
>
> Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti, konformement mar-rapport tal-Perit Legali tipprovdi dwar din il-vertenza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u l-hames talba, tichad ir-rimanenti talbiet, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' elfejn tmien mija hamsa u sebghin lira Maltin (Lm2875) dovuti kwantu ghal Lm2010 in rifuzjoni ta' ammont misluf lill-konvenut brevi manu, u kwantu ghas-somma ta' Lm865 rapprezentanti prezz ta' effetti mobbili li kienu fil-pussess tal-konvenut u ma gewx ritornati minnu. Fl-ahharnett tastieni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-restituzzjoni ta' l-effetti tad-deheb stante li dawn gew ritornati fil-mori tal-kawza.
>
> Fic-cirkostanzi l-ispejjes ghandhom jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attrici."

Minn din is-sentenza l-konvenut hass ruhu aggravat u permezz ta' rikors tat-22 ta' Lulju 1997 talab ir-riforma taghha fis-sens illi talab li din kellha tigi kkonfermata in kwantu cahdet it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici pero' tigi revokata fejn laqghet l-ewwel u l-hames talba attrici.

Ghal dan ir-rikors saret risposta ta' l-appell mill-attrici fit-8 ta' Awissu 1997 fejn issostni, ghar-ragunijiet hemm moghtija, illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

L-appell gie trattat fit-8 ta' Frar 2000 u differit ghas-sentenza, liema sentenza qed tinghata llum.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja illi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet li ghamlet quddiem il-Prim'Istanza wara r-rapport peritali baqghet issostni l-allegazzjonijiet taghha fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet taghha hija ma ghamlitx appell incidentali f'dan ir-rigward. Ic-cahda ta' dawn it-talbiet ghalhekk ghaddiet in gudikat u din il-Qorti m'hijiex sejra tikkummenta aktar fir-rigward.

Kif intqal, l-aggravji tal-konvenut jikkonsistu sew fil-fatt illi l-Ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba attrici sew fil-fatt li giet milqugha l-hames talba.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkonsidra din il-hames talba. L-aggravju tal-konvenut huwa li l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq valutazzjoni ta' oggetti li ma kenitx wahda reali izda totalment soggettiva. Kienet manifestament eccessiva u kellha titnaqqas sostanzjalment.

Dan l-aggravju tal-konvenut/appellant huwa fil-fehma ta' din il-Qorti, totalment insostenibbili. Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi l-konvenut ma gab ebda valutazzjoni de proprio biex jirribatti l-valutazzjoni maghmulha mill-attrici. Setgha evita dan l-inkwiet kollu, kieku ried, billi halla lill-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti biex jezamina u jistma dawn l-oggetti. Dan pero' ma ghamlux jew semplicement b'mod kapriccuz, jew ghax kapriccjozament u minghajr ebda dritt qabad u bieghhom mad-dar li l-koppja kienu qed jibnu flimkien fil-mori tal-kawza. Ghandu ghalhekk ibati l-konsegwenzi ta' l-agir tieghu. L-attrici, da parti taghha, b'nota minnha pprezentata fl-atti tal-kawza bil-gurament taghha fit-12 ta' April 1994 indikat il-prezz li biha hija kienet xtrat l-oggetti inkwistjoni. Il-Qorti ezaminat din il-valutazzjoni (a fol. 86 tal-process) u tikkondividi pjenament il-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti illi din il-valutazzjoni "*hija ragjonevoli ghall-oggetti hemm elenkati*". Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Dwar l-ewwel aggravju fejn il-konvenut/appellant jappella mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu laqghet l-ewwel talba attrici w ikkundannatu jirrifondi lill-istess attrici ammont lilu misluf *brevi manu*, din il-Qorti thoss illi l-ilment ta' l-appellant f'dan ir-rigward huwa wiehed aktar ragonevoli. Il-konvenut

jilmenta illi l-Ewwel Qorti tat ferm aktar piz lix-xhieda attrici fid-decizjoni taghha partikolarment dwar il-parti tas-somma allegatament mislufa *brevi manu* li ma gietx korroborata permezz ta' xhieda ohra estranea.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti ta' Lm2010 ghandu jkun sub-diviz fi tlett kategoriji. Ammont ta' Lm1300 li kellu jithallas lil certu Cutajar li minn ghandu l-kontendenti kienu xtraw l-art li kienet sejra tigi zviluppata minnhom bhala d-dar konjugali taghhom. Din is-somma kienet tirrizulta dovuta skond skrittura privata (Dokument "JSP") redatta minn Nutar Joseph Darmanin liema skrittura, il-konvenut kien fix-xhieda tieghu u qabel ma gie rrinfaccjat biha addirittura nnega l-ezistenza taghha. Effettivament, minn dan id-dokument u mix-xhieda indipendenti prodotta nkluza dik ta' l-istess Cutajar, jirrizulta illi kienet verament l-attrici li harget dan l-ammont personalment.

Fir-rigward ta' ammont iehor, li fit-totalita' tieghu jammonta ghal Lm260, il-Qorti thoss illi dan l-ammont illi gie vversat mill-attrici/appellata lill-konvenut/appellant f'ammonti izghar bejn Dicembru tal-1983 u Marzu tal-1984 gie wkoll ippruvat u sostanzjat. Ix-xhieda attrici fir-rigward, komparata ma' dik tal-

konvenut, hija tant preciza li l-Qorti thoss illi ghandha ssegwi l-apprezzament maghmul mill-Perit Legali w addottat mill-Ewwel Qorti u dan wara li l-istess Perit Legali kien ezamina b'mod akkurat il-provi migbura in kwantu ghal din is-somma. Hemm ukoll ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz illi jindikaw illi dan l-ammont gie verament misluf lill-konvenut principalment biex jigi mghejjun fl-ispejjez tal-pedamenti ghad-dar illi kienet qed tinbena.

L-istess ma jistax jinghad pero' in kwantu ghall-bilanc ta' Lm450 mis-somma mitluba mill-attrici. Din is-somma allegatament hija nofs is-somma ta' Lm900 li l-attrici w il-konvenut kienu gemmghu flimkien billi warrbu kull wiehed Lm20 fil-gimgha mill-paga taghhom u dana sa mill-14 ta' Gunju tal-1982. L-attrici ssostni illi meta dan l-ammont tela' ghal Lm900 il-konvenut talabhomlha ghax qal li kellu d-dejn ma' huh Mario u mar-ragel t'ohtu Giuseppa Grima. Hija fil-fatt tathomlu u hu qatt ma rrifondihomlha u ghalhekk issostni l-in debitu ta' sehemha fl-ammont ta' Lm450. Dan huwa assolutament innegat mill-konvenut. Din il-Qorti thoss illi l-attrici kellha almenu ggib ix-xhieda ta' hu l-konvenut pero' dan ma ghamlitux. Mhuwiex argument sostenibbili illi l-konvenut messu gab din ix-xhieda hu stess ghax jibqa' dejjem il-

principju illi min jallega jrid jipprova u fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-indebitu ma giex ippruvat mill-attrici kif rikjest mil-ligi. Ghall-kuntrarju l-provi jindikaw mod iehor. Hekk, per ezempju, xehed missier l-attrici f'dan ir-rigward fis-seduta tat-22 ta' Settembru 1987 quddiem il-Perit Legali "*Xi xahar wara li tgharrsu t-tnejn kienu kellmuni u talbuni biex inzommilhom xi flus illi kien behsiebhom igemmghu bejniethom halli jkunu jistghu jixtru xi affarijiet. Jiena accettajt. Pero' fil-fatt lahqu xtraw il-plot u spiccaw biex qatt ma tawni flus biex inzommhomlom.*"

In kwantu ghalhekk ta' dan l-ewwel aggravju, l-ilment ta' l-appellant huwa in parti gustifikat.

Dan l-appell huwa ghalhekk deciz billi l-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas l-ammont dovut mill-konvenut appellant bhala rifuzjoni ghas-self *brevi manu* maghmul lilu mill-appellata minn Lm2012 ghal Lm1560. Total ghalhekk dovut mill-appellant ta' Lm2425 flok Lm2875 filwaqt illi s-sentenza appellata hija ghall-kumplament ikkonfermata.

Dan nonostante l-Qorti jidhrilha illi l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jithallsu kollha mill-appellant filwaqt illi l-imghax

legali fuq is-somma dovuta jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-Prim'Istanza.

Deputat Registratur

rf.